



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

*Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern*

**2013/2229(DEC)**

24.2.2014

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza għall-implementazzjoni tal-baġit tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija għas-sena finanzjarja 2012  
C7-0317/2013 – (2013/2229(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Véronique Mathieu Houillon

PA\_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Bagħit, bħala l-kumitat responsabbi, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jieħu nota tal-konklużjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri li l-kontijiet annwali tas-CEPOL, jippreżentaw b'mod eżatt, fl-aspetti sinifikanti kollha tagħhom, is-sitwazzjoni finanzjarja ta' dan tal-aħħar sal-31 ta' Diċembru 2012;
2. Jilqa' l-progress imwettaq b'mod ġenerali mis-CEPOL fil-ġestjoni finanzjarja fis-snin riċenti u jħeġġeġ lis-CEPOL ikompli sejjjer hekk; f'dan ir-rigward, jinnota xi dgħufijiet fl-ippjanar baġitarju, kif ukoll fir-rigward tat-trasparenza fil-proċeduri ta' reklutaġġ;
3. Jenfasizza fuq is-sitwazzjoni prekarja li jinsab fiha l-persunal tas-CEPOL fir-rigward tal-futur tal-aġenzija; jitlob lil-leġiżlaturi jiċċaraw mill-aktar fis possibbli l-futur rigward is-sede tal-aġenzija mill-2014 għar-raġunijiet indikati mill-Qorti tal-Awdituri li jikkonċernaw il-persunal u l-programmazzjoni baġitarja;
4. Jistieden lil-leġiżlaturi jikkunsidraw l-aspett ekonomiku fl-għażiż tagħhom għal sede ġdida tas-CEPOL;
5. Ifakk li l-proposta tal-Kummissjoni dwar il-fużjoni tas-CEPOL mal-Europol ġiet irrifutata minn maġġoranza kbira tal-Kunsill u li inizjattiva ta' 25 Stat Membru tiproponi modifika tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-sede tas-CEPOL, b'Regolament li għandu jiġi adottat bil-proċedura ta' kodeċiżjoni;
6. Jenfasizza li tinhieg l-akbar prevedibbiltà possibbli sabiex it-trasferiment għas-sede futura jirrispetta l-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba, u li għal dan il-ġhan ir-Renju Unit għandu jimpenna ruħu li jgarra l-ispejjeż tat-trasferiment tal-aġenzija billi rrinunzja unilateralment li jospita s-CEPOL.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

<b>Data tal-adozzjoni</b>	12.2.2014
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: -: 0:
	43 5 1
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Jan Philipp Albrecht, Roberta Angelilli, Rita Borsellino, Arkadiusz Tomasz Bratkowski, Carlos Coelho, Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Joan Enciu, Frank Engel, Kinga Gál, Kinga Göncz, Ágnes Hankiss, Anna Hedh, Salvatore Iacolino, Lívia Járóka, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Timothy Kirkhope, Juan Fernando López Aguilar, Monica Luisa Macovei, Svetoslav Hristov Malinov, Véronique Mathieu Houillon, Anthea McIntyre, Nuno Melo, Roberta Metsola, Claude Moraes, Antigoni Papadopoulou, Georgios Papanikolaou, Judith Sargentini, Birgit Sippel, Csaba Sógor, Renate Sommer, Rui Tavares, Nils Torvalds, Kyriacos Triantaphyllides, Wim van de Camp, Axel Voss, Tatjana Ždanoka, Auke Zijlstra
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Alexander Alvaro, Silvia Costa, Franco Frigo, Mariya Gabriel, Siiri Oviir, Zuzana Roithová, Salvador Sedó i Alabart, Sir Graham Watson
<b>Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Françoise Castex, Knut Fleckenstein, Anne E. Jensen, Luis Yáñez-Barnuevo García